MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Numru 36/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Ramon Cassar)**
**vs**
**Charles sive Charlo Cutajar**
**Malcolm Brian Mercieca**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra :-

**Charles sive Charlo Cutajar** ta’ 42 sena, bin il-mejjet Domnic u l-mejta Odette nee’ Giacosa, mwieled Bormla nhar it-18 ta’ Mejju, 1963, residenti “Hibiscus”, Triq il-Qaliet, M’Scala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 275063(M);

**Malcolm Brian Mercieca** ta’ 20 sena, bin Stephen u Sylvana nee’ Mercieca, mwieled Pieta’ nhar is-16 ta’ Mejju, 1985, residenti numru 6, Qasam tal-Gvern,

Ricasoli, Kalkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 279285(M).

a) Talli fil-Pieta’ nhar it-30 t’Awissu, 2005, ghall-habta tas-2.30 ta’ wara nofsinhar, ikkommettew serq ta’ somma flus u mobile phones mill-fond Terranova sitwat fi Triq Marina, liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin [Lm100] izda ma jaccediex l-elf lira Maltin [Lm1,000] u li sar ghad-detriment ta’ diversi persuni; (Art. 261, 262 (b), 263 (b) u 267 tal-Kap. 9)

b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew ssekwestraw lil impjegati ta’ Terranova u persuni ohra kontra l-volonta’ taghhom; (Art.86, 87 (1)(e) tal-Kap 9)

c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta’ serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari; (Art. 26(a) tal-Kap 66)

d) Talli fil-Belt Valletta nhar it-28 t’Awissu, 2005 ghall-habta ta’ 12.15 p.m ikkomettew serq ta’ somma flus minn fond ‘Pisani Electrical Supplies’ sitwat fi Triq Melita, liema serq hu kwalifikat bil-mezz u li sar ghad-detriment ta’ Lewis Pisani (Art 261, 263 (a) tal-Kap 9)

e) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri Lm50 u li saret ghad-detriment ta’ Lewis Pisani (Art. 325 (b) tal-Kap 9)

**Lil Charles sive Charlo Cutajar wahdu**

f) Talli f’Haz-Zabbar nhar il-11 ta’ Jannar, 2006 ghall-habta tal-10.30 ta’ filghodu flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa ikkometta serq ta’ somma flus mill-fond ‘Dr. Zarb Clinic’ sitwat fi Triq il-Vulcan, liema serq hu

kwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin [Lm100] izda ma jaccediex l-elf lira Maltin [Lm1,000] u li sar ghad-detriment ta' Dr. Christopher Zarb MD ; (Art. 261, 262 (b), 263 (b) u 267 tal-Kap 9)

g) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dr. Christopher Zarb MD u persuni ohra kontra l-volonta' taghhom ; (Art. 86, 87 (1)(e) tal-Kap 9)

h) U aktar talli l-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari ; (Art 26 (a) tal-Kap 66)

i) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma kellu jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ; (Art 13 (1) tal-Kap 66)

j) U aktar talli fil-Hamrun, nhar it-3 ta' Settembru, 2005, ghall-habta ta' 4.30 ta' wara nofsinhar flimkien ma' persuna ohra ikommetta serq minn fuq il-persuna ta' Federico Vella ta' 75 sena waqt li kien qieghed fil-fond 'Blata l-Bajda Pharmacy' sitwat fi Triq il-Kbira, San Guzepp (Art. 261, 284, 285 tal-Kap 9)

k) Nakkuzawh ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**Lil Malcolm Brian Mercieca wahdu talli :-**

l) Talli f'Wied il-Ghajn nhar it-3 ta' Settembru, 2005 ghall-habta ta' 5.30 ta' wara nofsinhar flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur minn fond 'St.

Anne’s Pharmacy’ sitwat fi Triq il-Qaliet, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu; (Art. 41 (1)(a) Art. 261, 262 (b), 263 (b) u 267 tal-Kap 9)

m) Talli f’Rahal Gdid, nhar id-19 t’Ottubru, 2005 ghall-habta ta’ 2.00 ta’ wara nofsinhar ikommetta serq ta’ stereo minn vettura ta’ ghamla Peugeot 205 bin-numru ta’ registrazzjoni AAE-778, liema serq hu kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u valur li jiskorri l-mitt lira Maltin [Lm100] izda ma jaccediex l-elf lira Maltin [Lm1,000] u li sar ghad-detriment ta’ Raymond Vassallo ; (Art. 261, 267 u 271 (g) tal-Kap 9)

n) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe’ vettura ta’ ghamla Peugeot 205 bin-numru ta’ registrazzjoni AAE-778, liema hsara taccedi l-hamsin lira Maltin [Lm50] u li sar ghad-detriment ta’ Raymond Vassallo ; (Art. 325 (b) tal-Kap 9)

o) U aktar talli f’dawn l-ahhar xhur f’dawn il-Gzejjer, ikommetta serq ta’ stereos minn zewg vetturi ta’ ghamla mhux maghrufa u numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf, liema serq hu kwalifikat bix-xorta tal-haga mhux maghrufa u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin [Lm100] izda ma jaccediex l-elf lira Maltin [Lm1,000] u li sar ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa ; (Art 261, 267 u 271 (g) tal-Kap 9)

p) U aktar talli waqt il-perjodu operativ ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-21 ta’ Gunju, 2004, fejn int kont gejt misjub hati u kkundannat ghal piena ta’ sentejn prigunjerija ghal erba’ snin, ikkommetejt dan ir-reat li ghalih hemm piena ta’ prigunjerija.

q) Nakkuzawh ukoll talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur rrenda ruhu recediv ai termini ta’ artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-

Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni tal-imputati;

Rat l-atti tal-kawza u l-ammissjoni tirrizulta wahda kompatibbli mal-provi. Ghalehkk issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat il-fedina penali tal-imputati fejn jirrizulta illi dawn ma jistghux aktar jibbenefikaw mill-provvedimenti tal-Kap 446 jew tal-artikolu 28A tal-Kap 9 u ghalhekk l-Qorti ma tistax hlief tapplika piena karcerarja fil-konfront tat-tnejn.

Ghalhekk fil-konfront ta’ Charles sive Charlo Cutajar, wara li rat l-artikoli 261, 262 (a) (b), 267, 325 (b), 86, 87 (e), 284 u 285 tal-Kap 9, 13 (1) u 26 (a) tal-Kap 66, tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ tletin (30) xahar mil-lum;

Fil-konfront ta’ Malcolm Brian Mercieca, wara li rat l-artikoli 41, 261, 262 (b), 263 (b), 267, 271 (g), 325 (b), 49, 450, 86, 87 (1) (e) u 28 (b) tal-Kap 9, 26 (a) tal-Kap 66, fl-ewwel lok tirrendi effetivi s-sentejn prigunerija sospizi permezz tas-sentenza tal-21 ta’ Gunju 2004 u inoltre tikkundannah ghal-terminu ulterjuri ta’ tmintax-il xahar (18) mil-lum u b’kollox ghal-terminu ta’ tnejn u erbghin xahar (42) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------